**21 ta' Jannar, 1946.**

**Imħallef:**

**L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.**

Saċ. **Don Giovanni Agius ne.** *versus* **Paolo Genovese et.**

## Titolu — Pussess — Prova.

***Huwa prinċipju fondamentali fid-Dritt Gudizzjarju illi meta l-konvenut ma jirrespingix il-pretensjoni ta' l-attur, sempliċement per mezz tal-pussess li huwa għandu "animo domini", imma jġib 'il quddiem it-titolu li bih ried u jrid jipprova d-dritt tiegħu għall-ħaġa li għandu f'idejh, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat dak it-titolu akkampat mill-konvenut. U allura l-prova ta' dak it-titolu taqa' fuq il-konvenut li jallegah.***

Il-*Qorti* — *Rat* it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuti biex jirrestitwixxu fi żmien qasir il-vjolin *tal-proprjetà* tal-mejjet Salvu Chevalier; bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut u ta' l-imsejħa fil-kawża, il-mara tal-konvenut, li *opponew* it-talba peress li Chevalier kien irrigala dak il-vjolin;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-6 ta' Diċembru 1945, *fejn iddikjarat li hija kompetenti għall-valur u ċaħdet it-talba ta' l-attur, u ordnat illi l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat;*

Fuq il-kompetenza tagħha, li fuq dan il-pont ma hemmx appell, u għalhekk ma hemmx għalfejn jiġu rikapitulati r-raġunijiet fuq dan il-pont; u wara li *esponiet il-fattijiet* kollha kif ġraw, illi l-konvenut u martu saru bl-eċċezzjoni tad-donazzjoni li taw atturi in forza tal-prinċipju "*reus excipiendo fit actor*", apparti l-pussess, għaliex min għandu l-pussess ma jsir qatt attur, in forza tal-preżunzjoni legali; illi barra minn dan il-pussess il-konvenut u martu għandhom favur tagħhom il-prova tax-xhieda tagħhom, u ta' Giuseppa Falzon, oħt il-mara tal-konvenut; illi Chevalier kellu interess meta għamel dik id-donazzjoni; illi minn Frar sa Novembru, meta miet, Chevalier ma talabx ir-restituzzjoni ta' l-oġġetti, imma llimita ruħu għal xi ittri kontradittorji; l-inklinazzjoni tiegħu kienet li jipprometti meta huwa kien spiċċa bil-ġlied magħhom; illi għalkemm il-konvenut niżżel fil-lista anki l-vjolin, dan għamlu għax f'rasu kellu li jeskludieh; illi veru huwa li Chevalier fl-ittra lil Dr. Curmi kien preċiż meta qallu li l-vjolin qiegħed għandhom bħala depożitu, iżda huwa sintomatiku kif ħallieh għandhom meta kien jilmenta minnhom; illi forsi reġa' bdielu b'dak li kien għamel mingħajr ma rrifletta li d-donazzjoni hija irrevokabili; illi fuq ix-xhieda ta' Cassar, dan kien dejjem jifhem fuq vjolin ieħor li kien jiswa xi £100; illi għalhekk il-punti favur it-teżi tal-konvenuti jidhru iżjed reżistenza għall-prova tal-verità; illi hemm ukoll il-pussess "uti dominus", u għalhekk huma tefgħu parti mill-provi fuq l-attur, għax "praesumptio (juris tantum) vel possessio devolvit onus probandi in adversarium", u għalhekk kien l-attur li kien imissu pprova li qatt ma eżista; illi l-ispejjeż għandhom ikunu moderati;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab ir-riforma ta' dik is-sentenza, billi tiġi revokata fejn irrespingiet it-talba ta' l-attur u kkundannatu jħallas l-ispejjeż tiegħu, u għalhekk tiġi milqugħa t-talba ta' l-attur bl-is-

pejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti in parti tefgħet il-prova fuqu peress li hemm il-pussess favur il-konvenuti. Dan l-aggravju huwa bażat, għaliex huwa prinċipju fondamentali fid-dritt ġudizzjarju illi la darba l-konvenut mhux qiegħed jirrespinġi l-pretensjoni ta' l-attur sempliċement per mezz tal-pussess li huwa għandu "animo domini", iżda jġib 'il quddiem it-titolu li bieh ried u jrid jipprova d-dritt għall-ħaġa li għandu f'idejh, allura jkun meħtieġ illi jiġi eżaminat dak it-titolu akkampat mill-konvenut, għaliex dan, bħala "reus", "in excipiendo fit actor"; iżda jekk huwa ma jasalx biex jipprova dak it-titolu tiegħu, allura ma jistax iżjed jinħeba wara l-pussess u jgħid "possideo quia possideo", għaliex huwa niżel fil-kamp u fil-lotta ġudizzjarja taħt titolu ta' proprjetà li jippretendi, u jekk dak it-titolu jaqa', huwa ma jibqagħlu xejn, preċiżament għaliex dak il-pussess li huwa qiegħed jippretendi li għandu huwa kollu bażat fuq dak it-titolu ta 'proprjetà li huwa akkampa; u għalhekk f'dan il-każ, kif tajjeb issottometta l-appellant, "melius est non habere titulum quam habere vitiosum" (ara fl-istess sens Digesto Italiano, Rivendicazione (azione di) no. 65, u sentenza ta' din il-Qorti in re "Grech Delicata utrinque", Kollez. Vol. VIII, paġ. 292);

Tikkunsidra;

Illi la darba l-konvenut u l-imsejħa fil-kawża ġiebu 'l quddiem id-donazzjoni li huma jippretendu li Salvatore Chevalier kien għamel lill-imsejħa fil-kawża, allura huma għandhom jippruvaw dik id-donazzjoni b'mod soddisfaċenti għal min għandu jiġġudika. Il-prova bażiljari tagħhom qiegħda fuq ix-xhieda ta' l-imsejħa fil-kawża, tat-tifla tagħha u ta' oħtha...... Iżda din il-prova hija vulnerata minn dak li qal Chevalier stess........... U hawn din iċ-ċirkustanza tassumi importanza kbira meta jiġu kunsidrati...........;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi hemm konflitt bejn l-attur u l-konvenut fuq ċirkustanza ta' importanza wisq rilevanti; l-attur jgħid............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-imsejħa fil-kawża ma wasletx biex tipprova favur tagħha dik id-donazzjoni, u għalhekk il-pussess li l-konvenuti kellhom kien ta' sempliċi depożitu............;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur u għalhekk tilqa' t-talba tiegħu u tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejħa fil-kawża jagħtu lura l-vjolin fi żmien ta' tmint ijiem, u jħallsu lill-attur l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi; u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell.